# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 16 t’April tas-sena 2002.**

**Numru**

**Avviz numru 638/01/SM**

**Elmo Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta’ estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta’ estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha brian Zarb u l-istess Brian Zarb**

**vs**

**Jesmond Abela**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datata is-26 ta’ Gunju tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tlett mija u sitt liri Maltin tnejn u tmenin centezmu (LM306.82,0) [Lm206.82c lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u LM100 lill-attur Brian Zarb] in linea ta' danni minnu kkagunati u minnhom sborsati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara San Giljan fit-2 ta' Jannar 1999, meta waqt li hu kien qed iregga' lura vettura Nru KAV 465 habta mal-vettura Nru AAL 569 proprjeta' tal-attur Brian Zarb – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

2. **Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Settembru 1999 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mit-3 ta' Settembru 1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-26 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante illi ghall-incident in kwistjoni l-eccipjenti ma kellu l-ebda tort;**

2. **Salv kull eccezzjoni ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Innotat li ghalkemm il-konvenut kellu udjenza rizervata ghall-provi tieghu dan ghazel li la jidher u lanqas iressaq provi;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh fit-2 ta' Jannar ta' l-1999 ghall-habta ta' l-10.30 p.m. gewwa Paceville Avenue, San Giljan, u l-vetturi involuti kienu dik tal-marka Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni AAL-569; misjuqa mill-attur Brian Zarb u dik tal-marka Fiat 125 bin-numru ta' registrazzjoni KAV 465 misjuqa mill-konvenut Jesmond Abela;**

2. **Illi jirrizulta li l-vetturi fuq indikati kienu wara xulxin qed iduru minn Gort Street ghall-Paceville Avenue go San Giljan, il-konvenut irriversja l-vettura tieghu fuq dik ta' l-attur;**

3. **Illi jirrizulta li l-attur ra lill-konvenut meta kien madwar hmistax-il pied il-boghod minnu, u nonostante li beda jigbidlu l-attenzjoni tieghu ma jibqax jirriversja ghaliex kien ser jibqa' diehel fih, il-konvenut injora dawn l-attentati ghal kollox u sehhet il-kollizjoni de quo;**

4. **Illi d-danni kkagunati lill-atturi jammontaw komplessivament ghall-tlett mija u sitt Liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu, (LM306.82,0);**

5. **Illi s-socejta' attrici ghamlet tajjeb ghal dawn id-danni bl-eskluzjoni ta' l-"excess" ta' mitt Lira Maltin, (Lm100.00,0), li bihom gie akkollat l-attur;**

6. **Illi s-socjeta' attrici giet debitament surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha ghad-danni li ghalihom ghamlet tajjeb hi;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta li l-atturi pprovaw il-kaz taghhom skond il-ligi u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Jesmond Abela unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont komplessiv ta' tlett mija u sitt Liri**

**Maltin u tnejn u tmenin centezmu, (Lm306.82,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Jesmond Abela ihallas lill-attur l-ammont ta' mitejn u sitt Liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu, (Lm206.82,0) lis-socjeta' attrici assikurattrici u l-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100.00,0) lill-attur Brian Zarb, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi mid-data ta' l-ittra ufficcjali.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**